TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 183/14/GB

**Marthese Vella**

**vs**

**Moods**

Illum 5 ta' Novembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Awissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal libsa li nxtrat minghand l-intimat, liema libsa kienet difettuza.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat libsa minghand l-intimat fil-21 ta' Gunju 2014. Din il-libsa hija sewda u bajda u kienet tiswa disgha u hamsin Ewro (€59.00).

Ir-rikorrenti kienet haslet din il-libsa bl-ilma kiesah bid-Dixan u l-libsa rehiet. Hija segwiet l-istruzzjonijiet tal-intimat, u wzat il-'colour run'. Il-libsa, pero' baqghet l-istess.

Ir-rikorrenti qieghda ghalhekk titlob sabiex tirritorna l-libsa in kwistjoni lill-intimat, u tigi rifuzata fl-ammont ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' bank statament bhala prova tal-prezz li hija hallset ghall-libsa in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.MV1; flimkien ma' kopja ta' ittra legali li ntbaghtet lill-intimat, li giet immarkata bhala Dok.MV2.

Ir-rikorrenti ezebiet ukoll il-libsa in kwistjoni, flimkien ma' bolero li nxtara ma' l-istess libsa (liema bolero juri l-kulur originali tal-libsa) *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tal-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna r-rikorrenti tirritorna l-libsa in kwistjoni lill-intimat, filwaqt li jordna l-intimat ihallas l-ammont ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**